SENTENZA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Ir-Raba' Awla)

17 ta' April 2008 *

Fil-Kawża T-260/04,

Centro di educazione sanitaria e tecnologie appropriate sanitarie (Cestas), stabbilit f'Bologna (l-Italja), inizjalment irrappreżentat minn N. Amadei u C. Turk, imbagħad minn Amadei u P. Manzini, avukati,

rikorrent,

vs

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn E. Montaguti u F. Dintilhac, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni (Delegazzjoni fir-Repubblika tal-Ginea) tal-21 ta' April 2004, mibgħuta lir-rikorrent permezz ta' ittra rreġistrata, li tordna lil dan ta' l-aħħar iħallas is-somma ta' 959 543 835 Franki tal-Ginea (EUR 397 126.02),

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (Ir-Raba' Awla),

komposta minn V. Vadapalas, aġent President, E. Moavero Milanesi u N. Wahl, Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Ġunju 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-kuntest ġuridiku

1 Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) ġie stabbilit sabiex jiffinanzja l-kooperazzjoni ma' l-Istati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (ACP), inizjalment permezz ta' Anness mat-Trattat KEE, u wara permezz ta' ftehim interni ta' l-Istati Membri miġbura fi ħdan il-Kunsill. Sa llum, kien hemm disa' FEŻ suċċessivi, għal perijodu ta' ħames snin kull wieħed, li jikkorrispondu, f'dak li jirrigwarda l-aħħar tmienja, mat-tul tad-diversi ftehim u konvenzjonijiet li permezz tagħhom il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha stabbilixxew din is-sħubija speċjali ma' l-Istati ACP. Il-FEŻ mhuwiex inkluż fl-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, u dan jispjega l-ħtieġa li jiġu adottati regolamenti finanzjarji speċifiċi għall-eżekuzzjoni tiegħu u li b'mod partikolari tiġi stabbilita funzjoni ta' uffiċjal tal-kontijiet *ad hoc*.

2 Il-prinċipju msemmi fl-Artikolu 133(2) tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-disa' FEŻ (ĠU L 83, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament tad-disa' FEŻ") huwa dak li l-impenji li ttieħdu abbażi tal-FEŻ preċedenti u li ġew meħuda qabel id-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' l-Istati ACP, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 317, p. 3), imsejjaħ il-"Ftehim ta' Cotonou", jibqgħu jiġu eżegwiti b'mod konformi mar-regoli applikabbli għal dawn il-FEŻ, ħlief f'dak li jirrigwarda l-funzjoni ta' kontrollur finanzjarju, il-preżentazzjoni tal-kontijiet u l-proċedura tas-sejħa għall-kontribuzzjonijiet, li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tad-disa' FEŻ.

3 Il-kuntratti ffinanzjati abbażi tas-sitt u s-seba' FEŻ jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet korrispondenti, jiġifieri t-tielet Konvenzjoni ACP-KEE, iffirmata f'Lomé fit-8 ta' Diċembru 1984 (ĠU 1986, L 86, p. 3), u r-Raba Konvenzjoni ACP-KEE ffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989 (ĠU 1991, L 229, p. 3), imsejħa rispettivament il-"Konvenzjoni ta' Lomé III" u l-"Konvenzjoni ta' Lomé IV", li huma l-ftehim interni li jistabbilixxu s-sitt u s-seba' FEŻ u, bħala prinċipju, peress li l-impenji ta' nefqa korrispondenti ttieħdu qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Cotonou, taħt ir-Regolament Finanzjarju 86/548/KEE, tal-11 ta' Novembru 1986, applikabbli għas-sitt FEŻ (ĠU L 325, p. 42), u r-Regolament Finanzjarju 91/491/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, applikabbli għal kooperazzjoni għall-iffinanzjar ta' l-iżvilupp skond il-Konvenzjoni ta' Lomé IV (ĠU L 266, p. 1). Madankollu, l-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament 86/548 u tar-Regolament 91/491, li jirrigwardaw l-irkupru tal-krediti, jeħtieġu l-intervent tal-kontrollur finanzjarju, liema funzjoni m'għadhiex prevista fir-Regolament tad-disa' FEŻ, u lanqas bħala tali fi ħdan l-istruttura ta' l-organizzazzjoni tal-Kummissjoni. Konsegwentement, anki għall-irkupru tal-krediti marbuta mal-krediti tal-FEŻ preċedenti għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Cotonou, il-Kummissjoni tapplika d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tad-disa' FEŻ, skond l-Artikolu 133(2) tiegħu.

4 L-Artikolu 311 tal-Konvenzjoni ta' Lomé IV jipprevedi li l-Kummissjoni tinnomina lill-Uffiċjal Prinċipali li jawtorizza, li huwa responsabbli mit-tmexxija tar-riżorsi tal-FEŻ u li, għal dan il-għan, minn naħa, jħaddem, jistma u jordna l-ispejjeż u jżomm il-kontabbiltà ta' l-impenji kif ukoll ta' l-ordnijiet u, min-naħa l-oħra, jassigura li

d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiġu rrispettati u, fl-aħħar nett, f'kollaborazzjoni stretta ma' l-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza, jieħu d-deċiżjonijiet ta' impenn u l-miżuri finanzjarji li jirriżultaw neċessarji sabiex tiġi assigurata, mil-lat ekonomiku u tekniku, l-eżekuzzjoni tajba ta' l-operazzjonijiet approvati.

5 L-Artikolu 317 tal-Konvenzjoni ta' Lomé IV jiddefinixxi l-funzjonijiet tad-Delegat, li huwa l-kap tad-delegazzjoni tal-Kummissjoni fl-Istat ACP li, f'kollaborazzjoni stretta ma' l-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza, għandu b'mod partikolari japprova l-kuntratti u l-istimi f'każ ta' eżekuzzjoni ta' xogħol, l-atti sussegwenti kif ukoll l-awtorizzazzjonijiet ta' ħlas mogħtija mill-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza, jassigura li l-proġetti u programmi ffinanzjati mir-riżorsi tal-FEŻ immexxija mill-Kummissjoni jiġu eżegwiti b'mod korrett mil-lat finanzjarju u tekniku, jikkoopera ma' l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istat ACP fejn dan jirrappreżenta lill-Kummissjoni billi jevalwa b'mod regolari l-azzjonijiet, iżomm kuntatti stretti u kontinwi ma' l-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza bil-għan li janalizza u jsolvi l-problemi speċifiċi li jkun hemm waqt l-implementazzjoni tal-kooperazzjoni għall-finanzjament ta' l-iżvilupp u b'mod partikolari jivverifika f'intervalli regolari li l-azzjonijiet ikunu mixjin bir-ritmu previst mill-iskeda msemmija fid-deċiżjoni ta' finanzjament.

6 Meta jsiru ħlasijiet li ma jkunux dovuti, l-ammonti korrispondenti għandhom jiġu rkuprati mill-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza, bħala parti kontraenti.

7 L-Artikolu 23 tar-Regolament tad-disa' FEŻ jgħid:

"Fejn l-Uffiċjal Prinċipali li Jawtorizza jinduna bi problemi fit-twettiq tal-proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' l-amministrazzjoni tar-riżorsi ta' l-[FEŻ], huwa għandu, flimkien ma' l-uffiċjal nazzjonali jew reġjonali li jawtorizza, jagħmel il-kuntatti kollha neċessarji biex isewwi s-sitwazzjoni u jieħu dawk il-passi li jkunu neċessarji. Per

eżempju, f'każijiet fejn l-uffiċjal nazzjonali jew reġjonali li jawtorizza ma jagħmilx jew ma jistax jagħmel id-dmirijiet li jaqgħu fuqu skond il-[Ftehim ta' Cotonou], l-Uffiċjal Prinċipali li Jawtorizza jista' temporanjament jeħodlu postu, u f'każ li jiġri dan, il-Kummissjoni tista' tirċievi, mir-riżorsi allokati lill-Istat ACP in kwistjoni, kumpens finanzjarju għat-tagħbija żejda ta' xogħol amministrattiv li tkun daħlet għalih.

Kull miżura li tittieħed mill-Uffiċjal Prinċipali li jawtorizza skond l-ewwel sub-paragrafu għandha tittieħed f'isem u għan-nom ta' l-uffiċjal nazzjonali jew reġjonali li jawtorizza kkonċernat."

8 Ir-regoli dwar l-irkupru tal-krediti tal-Kummissjoni huma stabbiliti mill-Artikoli 43 sa 47 tar-Regolament tad-disa' FEŻ.

9 L-Artikolu 43 tar-Regolament tad-disa' FEŻ jipprovdi:

"1. L-ammonti li jitħallsu bi żball għandhom jiġu rkuprati.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom l-interessi fuq il-ħlas tardiv ikunu dovuti lill-Komunitajiet."

10 L-Artikolu 44 tar-Regolament tad-disa' FEŻ jipprovdi:

"1. L-awtorizzazzjoni ta' l-irkupru hija dak l-att li bih l-uffiċjal li jawtorizza li jkun responsabbli jagħti struzzjonijiet lill-uffiċjal tal-kontijiet, billi joħroġ ordni ta' rkupru, sabiex jirkupra ammont li huwa jistabbilixii li jista' jinġabar.

2. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet ta' l-Istati ACP jew [tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar], il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi formalment ammont bħala li jista' jinġabar minn persuni li ma jkunux Stati permezz ta' deċiżjoni li għandha tkun inforzabbli taħt l-istess kundizzjonijiet kif stabbiliti fl-Artikolu 256 [KE]."

11 L-Artikolu 45 tar-Regolament tad-disa' FEŻ jipprovdi:

"Kull dejn li jiġi identifikat li huwa ċert, [likwidu] u dovut fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ għandu jiġi stabbilit permezz ta' ordni ta' rkupru mogħti lill-uffiċjal tal-kontijiet, segwit minn nota ta' debitu mibgħuta lid-debitur, it-tnejn li huma miktuba mill-uffiċjal li jawtorizza li jkun responsabbli. L-ordni ta' rkupru għandu jiġi akkumpanjat minn dokumenti ta' sostenn li jiċċertifikaw [id-drittijiet] stabbiliti. Meta jkun qiegħed jikteb l-ordni ta' rkupru, l-uffiċjal li jawtorizza li jkun responsabbli għandu jiżgura li:

a) l-introjtu huwa miktub għall-punt jew partita korretta;

b) l-ordni ta' rkupru hija f'postha u tikkonforma mad-disposizzjonijiet relevanti;

ċ) id-dokumenti ta' appoġġ huma f'posthom;

d) id-dettalji personali tad-debitur huma korretti;

e) id-data meta jsir dovut hija indikata;

f) l-ordni tikkonforma mal-prinċipju ta' l-amministrazzjoni finanzjarja soda msemmija fl-Artikolu 4;

ġ) l-ammont u l-munita tas-somma li għandha tiġi rkuprata huma korretti.

Tali ordnijiet ta' rkupru għandhom jiġu reġistrati fil-kontijiet mill-uffiċjal tal-kontijiet."

12 L-Artikolu 46 tar-Regolament tad-disa' FEŻ jipprovdi:

"1. L-uffiċjal tal-kontijiet għandu jaġixxi fuq ordnijiet għall-irkupru għall-ammonti li jistgħu jinġabru li jkunu ġew iddeterminati kif suppost mill-uffiċjal li jawtorizza responsabbli. Huwa għandu jeżerċita d-diliġenza neċessarja sabiex jiżgura li l-FEŻ jirċievi l-introjtu tiegħu sad-dati indikati fl-ordnijiet ta' rkupru u jiżgura li d-drittijiet rilevanti tal-Komunitajiet jiġu salvagwardjati.

2. Jekk l-irkupru ma jkunx attwalment seħħ sad-data speċifikata fl-ordni għall-irkupru, l-uffiċjal tal-kontijiet għandu jinforma lill-uffiċjal li jawtorizza li jkun responsabbli u jibda' immedjatament il-proċedura biex jagħmel l-irkupru b'kull mezz li toffrilu l-liġi, inkluż, fejn ikun xieraq, bit-tpaċċija. Jekk dan ma jkunx possibbli, l-uffiċjal tal-kontijiet għandu jinforza deċiżjoni għall-irkupru assikurata jew f'konformità ma' l-Artikolu 44(2) jew permezz ta' l-azzjoni legali.

3. L-uffiċjal tal-kontijiet għandu jirkupra l-ammonti billi jpaċċihom ma' pretensjonijiet ekwivalenti li l-FEŻ jew il-Komunitajiet ikollhom kontra kwalunkwe debitur li huwa stess ikollu pretensjoni fuq il-FEŻ jew kontra l-Komunitajiet li tkun ċerta, [likwida] u dovuta.

[…]”

13 L-Artikolu 47 tar-Regolament tad-disa’ FEŻ jipprovdi:

“1. Fejn l-uffiċjal li jawtorizza responsabbli ikun qiegħed jippjana li jirrinunzja l-irkupru ta’ ammont stabbilit li jista’ jinġabar, huwa għandu jiżgura li r-rinunzja tkun kif suppost u tikkonforma mal-prinċipji ta’ l-amministrazzjoni finanzjarja soda u tal-proporzjonalità f’konformità mal-proċeduri u mal-kriterji li qabel ġew stabbiliti mill-Kummissjoni għal dak il-għan. Id-deċiżjoni għar-rinunzja għandha tiġi sostanzjata. L-uffiċjal li jawtorizza jista’ jiddelega d-deċiżjoni bis kif stabbilit mill-Kummissjoni fir-regoli msemmija fil-paragrafu 2.

2. Ir-regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Ġenerali Finanzjarju għandhom jgħoddu *mutatis mutandis* għall-implimentazzjoni ta’ dan l-Artikolu.”

Il-fatti li wasslu għall-kawża

14 L-organizzazzjoni mhux governattiva (OMG) Centro di educazione sanitaria e tecnologie appropriate sanitarie (Cestas) (iktar ’il quddiem ir-“rikorrent”), stabbilita fl-Italja, hija attiva fil-Guinea sa mill-1987 permezz ta’ diversi azzjonijiet ta’ kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sanità, prinċipalment bis-saħħa ta’ finanzjamenti mill-Ministeru ta’ l-Affarijiet Barranin Taljan, u wara bis-saħħa ta’ finanzjamenti Komunitarji.

15 Sa l-1997, l-attivitajiet tagħha kienu jirrigwardaw l-infrastrutturi u l-attrezzatura ta' l-isptarijiet. Wara din id-data, dawn ġew mifruxa għall-assistenza teknika fil-qasam tal-pjanifikazzjoni u tat-tmexxija.

16 Għar-realizzazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet, f'dak li jirrigwarda l-proġetti ffinanzjati mill-Komunità, ir-rikorrent ikkonkluda mar-Repubblika tal-Ginea protokolli ta' ftehim u kuntratti ta' provista ta' servizzi, approvati mill-kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni fil-Guinea u bbażati fuq il-Konvenzjonijiet ta' Finanzjament Nri 5169/GUI u 4205/GUI kif ukoll fuq kuntratt ta' finanzjament li jipprevedi l-ħolqien ta' kont ta' użu mill-ġdid Sysmin.

17 Fl-14 ta' Ġunju 1993, il-Konvenzjoni ta' Finanzjament Nru 5169/GUI ġiet konkluża bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u r-Repubblika tal-Guinea, fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Lomé IV, u kellha bħala skop it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja f'dan il-pajjiż abbażi ta' finanzjament magħmul mir-riżorsi tas-seba' FEŻ. Is-somma totali ta' dan il-finanzjament kienet tammonta għal ECU 30 miljun, li kellha tkun kopert, għal żewġ terzi, mir-riżorsi tal-Programm Indikattiv Nazzjonali ta' Lomé IV, u għal terz, mill-fondi ta' kontroparti ġġenerati mill-programm ġenerali ta' importazzjoni.

18 Din il-Konvenzjoni kienet tipprevedi r-ristrutturazzjoni u ż-żamma ta' l-istrutturi sanitarji tal-Guinea bl-intervent ta' sitt OMG, fosthom ir-rikorrent, li kollha jaġixxu flimkien mas-servizzi ta' sanità pubbliċi, wara l-għoti ta' kuntratti ta' servizzi pubbliċi.

19 Il-programm ġenerali ta' importazzjoni li huwa s-suġġett tal-Konvenzjoni ta' Finanzjament Nru 4205/GUI, konkluża fit-30 ta' Diċembru 1988, bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u r-Repubblika tal-Ginea,

huwa intiż sabiex ikopri l-valur "prezz, assigurazzjoni u ġarr" (C.I.F.) f'muniti konvertibbli ta' merkanziji importati. Din il-Konvenzjoni, li kienet tipprevedi espressament l-użu tal-fondi ta' kontroparti favur is-settur tas-sanità, kienet tipprovdi għall-kostituzzjoni ta' fondi ta' kontroparti fi Franki tal-Guinea wara akkwisti li kienu saru fis-setturi pubbliċi u privati.

20 Fl-1 ta' Frar 1990, il-Komunità Ekonomika Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u r-Repubblika tal-Guinea, ikkonkludew kuntratt ta' finanzjament, li kien jipprevedi l-ħolqien ta' kont ta' użu mill-ġdid "Sistema ta' stabilizzazzjoni tad-dħul mill-esportazzjoni ta' prodotti tal-minjieri, (Sysmin)" mal-Bank Ċentrali tar-Repubblika tal-Guinea. Abbażi ta' dan il-kuntratt, Protokoll ta' Ftehim bit-titolu "Fondi ta' użu mill-ġdid/KEE Nru 02/96" ġie konkluż bejn ir-rikorrent u r-Repubblika tal-Guinea u kellu l-iskop li jiddefinixxi d-dettalji tekniċi, amministrattivi u finanzjarji ta' l-intervent tar-rikorrent, iffinanzjat mill-fondi ta' użu mill-ġdid, in sostenn tas-settur tas-saħħa fid-distrett ta' Fria (Guinea).

21 Il-kuntratti konklużi mir-rikorrent fil-kuntest tal-proġetti ffinanzjati minn fondi FEŻ huma rregolati, f'każ ta' kontroversja, mill-proċedura stabbilita mir-"Regoli ta' proċedura dwar konċiljazzjoni u arbitraġġ għall-appalti ffinanzjati mill-FEŻ" li jidhru fl-Anness V tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri Nru 3/90 ACP-KEE, tad-29 ta' Marzu 1990, li jadotta r-regoli ġenerali u l-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-kuntratti ta' xogħlijiet, fornimenti u servizzi ffinanzjati mill-FEŻ, kif ukoll ir-regoli li jirregolaw il-proċedura, il-konċiljazzjoni u l-arbitraġġ fir-rigward ta' dawn il-kuntratti, u dwar l-applikazzjoni tagħhom (ĠU L 382, p. 1).

22 Minn kontroll li kien sar fl-aħħar tas-sena 1998 mill-Ministru tal-Kooperazzjoni tal-Guinea, l-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza tal-FEŻ (iktar 'il quddiem l-"Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza"), ikkonstata xi nuqqasijiet fl-attivitajiet tar-rikorrent, li kienu jirrigwardaw kuntratti ffinanzjati minn riżorsi tas-sitt u s-seba' FEŻ (iktar 'il quddiem il-"kuntratti in kwistjoni"), u li kienu jwaslu għal rata limitata ta' realizzazzjoni, kapaċità teknika mhux suffiċjenti, kapaċitajiet ta' organizzazzjoni u finanzjarji dgħajfa kif ukoll nuqqas ta' trasparenza.

23 Din il-konstatazzjoni waslet lill-Uffiċjal nazzjonali sabiex jinkariga kumpannija ta' awdituri sabiex tagħmel l-awditjar tal-kontabbiltà u finanzjarju tal-proġetti fil-Guinea li fihom kien implikat ir-rikorrent.

24 Fit-30 ta' Marzu 2000, abbażi tar-rapport ta' l-awditur, l-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza bagħat ittra ta' intimazzjoni lir-rikorrent, li permezz tagħha r-rikorrent mhux biss ġie mitlub li jirrimedja għall-anomaliji li ġew osservati fid-diversi proġetti f'dak li kien jirrigwarda t-tmexxija tal-kontabbiltà u tal-persunal, iżda wkoll li jagħti lura s-somma ta' 261 181 309 Franki tal-Guinea minħabba l-bilanċi tal-flus kontanti fil-proġetti kollha ffinanzjati mill-fond ta' kontroparti, minbarra somom oħra mhux iġġustifikati biżżejjed, imsemmija fir-rapport ta' l-awditur, iżda mhux kwantifikati fl-ittra ta' intimazzjoni, u dan skond skala li għandha tiġi miftehma.

25 Fl-14 ta' April 2000, ir-rikorrent irrisponda għal din l-ittra ta' intimazzjoni billi pprovda kjarimenti, u dan wassal sabiex l-Uffiċjal nazzjonali jitlob lill-istess kumpannija ta' l-awdituri sabiex twettaq awditjar addizzjonali sabiex jittieħdu in kunsiderazzjoni r-risposti tar-rikorrent għall-ittra ta' intimazzjoni msemmija.

26 Fit-13 ta' Awwissu 2000, fuq talba ta' l-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza, l-imsemmija kumpannija ta' l-awdituri fasslet abbozz ta' rapport ta' awditjar addizzjonali, f'liema rapport hija kienet tikkonkludi favur tnaqqis tad-debitu tar-rikorrent minn 1 510 307 148 għal 1 085 836 676 Franki tal-Guinea f'dak li jirrigwarda l-ammont totali ta' l-ispejjeż mhux iġġustifikati minn dokumenti ta' prova u ta' l-ispejjeż mhux eliġibbli.

27 Skond il-Kummissjoni, din hija r-raġuni għalfejn l-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza m'għamilx użu mill-garanzija bankarja li kellu u li kienet tiskadi fil-15 ta' Settembru 2000.

28 Fil-21 ta' Marzu 2001, wara kontrolli suċċessivi, l-istess kumpannija ta' l-awdituri ħarġet rapport ta' awditjar addizzjonali fejn ġie indikat li l-ammont tad-debitu tar-rikorrent reġa' ġie mnaqqas għal 1 006 740 345 Franki tal-Guinea, b'kunsiderazzjoni ta' l-inklużjoni ta' spejjeż iġġustifikati li jammontaw għal 79 096 331 Franki tal-Guinea.

29 B'ittra tal-31 ta' Lulju 2001, wara ittra ta' intimazzjoni oħra mibgħuta mill-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza, ir-rikorrent, li kien iqis li l-ammont tad-dejn tiegħu kien limitat għal 44 278 586 Franki tal-Guinea, baqa' jikkontesta l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, anki jekk dan kien diġà jieħu in kunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet li kien ippreżenta r-rikorrent, u għalhekk ma kienx possibbli li l-kontroversja tiġi solvuta permezz ta' ftehim bonarju.

30 B'effett mis-sajf ta' l-2001, il-kuntratti li saru bejn ir-rikorrent, l-awtoritajiet tal-Guinea u l-Kummissjoni naqsu. Ir-rikorrent ilmenta li ma kellux aċċess għar rapport ta' awditjar ġdid imfassal fl-2002, mill-istess kumpannija.

31 B'ittra ta' l-24 ta' Lulju 2003, mibgħuta lir-rikorrent, il-Kummissjoni indikat li b' dispjaċir ma kienx irnexxilhiex tikkonvinċi lill-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza sabiex jieħu pożizzjoni uffiċjali dwar il-passi li kellhom jittieħdu f' din il-kontroversja, peress li dan kien iqis li soluzzjoni kontenzjuża kellha tintuża biss bħala l-aħħar rimedju.

32 Fl-24 ta' Settembru 2003, fi Brussell inżammet laqgħa bejn ir-rikorrent u l-Kummissjoni sabiex tinsab soluzzjoni għal kontroversja, madankollu l-ebda soluzzjoni ma nstabet.

33 B'ittra ta' l-24 ta' Marzu 2004, li r-rikorrent irċieva biss fis-26 ta' April 2004, il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni fil-Guinea informa lir-rikorrent li fil-futur qarib kellha tinħareġ ordni ta' rkupru.

34 Fil-21 ta' April 2004, permezz ta' ittra rreġistrata bl-avviż tal-wasla, li kienet tinkludi fiha wkoll l-ittra ta' l-24 ta' Marzu 2004 u li għalhekk kienet ukoll ġiet irċevuta mir-rikorrent fis-26 ta' April 2004, il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni fil-Guinea bagħat lir-rikorrent nota ta' debitu fl-ammont ta' 959 543 835 Franki tal-Guinea (EUR 397 126.02) (iktar 'il quddiem l-"att ikkontestat"), u li kienet tindika l-25 ta' Mejju 2004 bħala d-data ta' l-iskadenza.

35 Peress li r-rikorrent talab xi kjarimenti fuq il-kontenut ta' l-att ikkontestat, il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni fil-Guinea rrispondieh b'ittra tat-18 ta' Mejju 2004, u flimkien mar-risposta bagħat l-aħħar rapport ta' l-awditjar addizzjonali tas-27 ta' Marzu 2002 u indika li dan l-aħħar rapport ma kienx jibdel fil-mertu l-konstatazzjonijiet evidenzjati fl-ewwel rapport ta' l-awditjar, ħlief it-tnaqqis ta' l-ammont ta' l-ispejjeż iddikjarati bħala mhux eliġibbli, li ġie imnaqqas għal 988 314 134 Franki tal-Guinea.

36 Peress li r-rikorrent ma rrispondiex, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-FEŻ bgħatlu tfakkira permezz ta' ittra tat-2 ta' Lulju 2004, fejn ir-rikorrent ġie mitlub iħallas is-somma ta' 959 543 835 Franki tal-Guinea sa mhux iktar tard mit-23 ta' Lulju 2004.

37 Fl-4 ta' Awwissu 2004, filwaqt li r-rikorrent kien diġà ressaq il-preżenti rikors, il-Kummissjoni bagħtitlu tfakkira oħra fejn talbitu għal darb'oħra jħallas is-somma indikata fl-att ikkontestat, sa mhux iktar tard mis-6 ta' Settembru 2004.

38 Fid-9 ta' Ġunju 2005, peress li r-rikorrent kien naqas milli jħallas is-somma indikata fl-att ikkontestat, il-Kummissjoni bagħtitlu ittra ta' intimazzjoni.

39 Fl-20 ta' Ġunju 2005, ir-rikorrent irrisponda għall-ittra ta' intimazzjoni billi indika li jkun aħjar li l-ewwel tingħata risposta għal-preżenti rikors.

Proċedura u t-talbiet tal-partijiet

40 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-23 ta' Ġunju 2004, ir-rikorrent ressaq dan ir-rikors.

41 Permezz ta' att separat, ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-30 ta' Settembru 2004, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà skond l-Artikolu 114 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Ir-rikorrent ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar din l-eċċezzjoni fil-25 ta' Ottubru 2004.

42 Permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Settembru 2005, l-eċċezzjoni ġiet magħquda mal-mertu u l-ispejjeż ġew irriżervati

43 Fuq rapport ta' l-Imħallef Relatur, il-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali.

44 It-trattazzjoni tal-partijiet u r-risposti tagħhom għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza nstemgħu fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2007.

45 Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex jogħġobha:

— tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà;

— tannulla l-att ikkontestat;

— tordna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż, inkluż fil-każ fejn ir-rikors jiġi miċħud bħala inammissibbli.

46 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli jew, sussidjarjament, bħala infondat;

— tordna lir-rikorrent ibati l-ispejjeż.

Id-dritt

L-Argumenti tal-partijiet

47 Il-Kummissjoni ssostni li dan ir-rikors huwa inammissibbli, għaliex l-att ikkontestat ma jistax jitqies bħala att kontestabbli skond l-Artikolu 230 KE. Fil-fatt, l-att ikkontestat jikkostitwixxi att preparatorju fil-kuntest ta' eventwali proċedura kontenzjuża jew ta' l-adozzjoni ta' deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 256 KE.

48 Skond il-Kummissjoni, l-att ikkontestat huwa att li jippreċedi l-eventwali adozzjoni ta' deċiżjoni li tinbeda proċedura kontenzjuża u għalhekk ma jikkostitwixxix att li joħloq effetti legali ta' natura tali li jistgħu jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent, billi jibdel b'mod kunsiderevoli s-sitwazzjoni ġuridika tiegħu.

49 Il-Kummissjoni ssostni li nota ta' debitu hija "l-aħħar twissija qabel ma tgħaddi għall-istadju sussegwenti". Din in-nota tikkostitwixxi informazzjoni mogħtija lid-debitur, bħal dik imsemmija fl-Artikolu 78(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru°1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, p. 1).

50 F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tosserva li, f'dan il-każ, hija għadha tista' tibgħat l-aħħar talba lill-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza, sabiex dan jiddeċiedi dwar il-passi li għandhom jittieħdu dwar il-kontroversja mar-rikorrent. Issa, fl-istat attwali ta' l-inkartament, il-Kummissjoni għadha ma ħadet l-ebda deċiżjoni dwar il-passi li hija għandha tieħu fil-kontroversja fil-kwalità tagħha ta' garanti ta' l-interessi finanzjarji tal-FEŻ.

51 Għaldaqstant, il-Kummissjoni tispjega li d-deċiżjoni definittiva tagħha tista' eventwalment tikkonsisti f'deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 256 KE, f'deċiżjoni ta' kumpens jew f'deċiżjoni li tadixxi lill-qrati kompetenti, skond l-Artikolu 46(2) tar-Regolament tad-disa' FEŻ. F'dan l-aħħar każ, dawn għandhom ikunu l-qrati kompetenti Taljani, minħabba li l-Kummissjoni, peress li mhijiex parti kontraenti fil-kuntratti in kwistjoni, ma tistax tagħmel użu mill-proċedura ta' arbitraġġ prevista fil-kuntratti msemmija, li tista tintuża biss mill-awtoritajiet tal-Guinea.

52 Il-Kummissjoni tosserva li jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza jkollha tqis li l-att ikkontestat jikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat skond l-Artikolu 230 KE, dan jantiċipa d-deċiżjoni definittiva tal-Kummissjoni, li tista' qatt ma tiġi adottata jekk l-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza jaġixxi qabel ma taġixxi hi.

53 Il-Kummissjoni tikkontesta l-osservazzjonijiet tar-rikorrent li jgħidu li l-att ikkontestat huwa deċiżjoni vera u proprja, minħabba li, fl-ewwel lok, din hija implementazzjoni ta' l-Artikolu 44(2) tar-Regolament tad-disa' FEŻ, fit-tieni lok, minħabba li n-natura ta' titolu eżekuttiv ta' din id-"deċiżjoni" hija kkonfermata mill-kliem tagħha, u, fit-tielet lok, minħabba li t-tieni ittra ta' tfakkir tikkonferma din l-evalwazzjoni u li, konsegwentement, dawn l-ittri joħolqu effetti legali fir-rigward tiegħu li jistgħu jaffettwaw l-interessi tiegħu u li jibdlu s-sitwazzjoni legali tiegħu skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

54 Il-Kummissjoni tosserva li, skond l-Artikolu 44(2) tar-Regolament tad-disa' FEŻ, "[hija] tista' tistabbilixxi formalment ammont bħala li jista' jingħabar minn persuni li ma jkunux Stati permezz ta' deċiżjoni li għandha tkun infurzabbli taħt l-istess kondizzjonijiet kif stabbiliti fl-Artikolu 256 [KE]". Minn dan isegwi li la l-att ikkontestat u lanqas l-ebda ittra oħra indirizzata ulterjorment lir-rikorrent ma tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skond l-Artikolu 256 KE.

55 Barra minn hekk, skond il-Kummissjoni, l-ittri msemmija bl-ebda mod ma jifformaw parti mill-eżerċizzju tal-prerogattivi tagħha ta' awtorità pubblika, u għalhekk dawn ma jistax ikollhom saħħa eżekutorja.

56 Il-Kummissjoni tqis li l-kliem użat fit-tieni tfakkira mibgħuta lir-rikorrent fl-4 ta' Awwissu 2004, jiġifieri l-kliem "Fin-nuqqas ta' informazzjoni min-naħa tiegħek, il-Kummissjoni sejra tniedi, permezz tal-mezzi kollha legali xierqa, il-proċedura ta' infurzar kontra tiegħek kemm fir-rigward tal-kapital kif ukoll ta' l-interessi", għandha biss l-iskop li tirreferi għall-fażi ta' l-infurzar.

57 Għalhekk, skond il-Kummissjoni, l-użu tal-futur "sejra tniedi" f'tali sentenza tfisser li għad mhemmx deċiżjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 249 KE. Mill-ittri msemmija iktar 'il fuq irriżulta li l-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 256 KE biss fi stadju ulterjuri.

58 Il-Kummissjoni tosserva li, f'kull każ, fil-kuntest tas-sistema legali tal-FEŻ, normalment huwa l-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza, li huwa persuna distinta u li huwa investit b-awtorità indipendenti, li għandu jipproċedi għall-irkupru. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tibqa' kunfidenti li fil-kuntest tal-kooperazzjoni stretta stabbilita mis-sistema tal-Konvenzjoni ta' Lomé IV, l-Uffiċjal nazzjonali li jawtorizza jerġa', għal darb'oħra, jwettaq l-inkarigu tiegħu f'dan il-qasam.

59 Il-Kummissjoni tenfasizza li l-fatt li hija bagħtet żewġ ittri ta' tfakkir u ittra ta' intimazzjoni lir-rikorrent wara li bagħtitlu l-att ikkontestat jikkonferma li l-att ikkontestat ma setax jiġi interpretat bħala li kien deċiżjoni definittiva li tista' tiġi kkuntestata.

60 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li fiż-żmien meta seħħew il-fatti, id-deċiżjonijiet ibbażati fuq l-Artikolu 256 KE kienu adottati mill-Kummissjoni bħala organu kolleġjali, skond proċedura partikolari u kienu jużaw kliem differenti minn dak użat fl-ittri mibgħuta lir-rikorrent fil-kuntest tal-fażi preparatorja ta' rkupru.

61 Il-Kummissjoni tqis li l-att ikkontestat, bħaż-żewġ ittri ta' tfakkir u l-ittra ta' intimazzjoni, f'dan il-każ jikkostitwixxu atti li jifformaw parti mill-fażi preparatorja ta' rkupru li ma jiffurmawx parti mill-eżerċizzju tal-prerogattivi ta' awtorità pubblika tal-Kummissjoni u konsegwentement mhumiex suġġetti li jiġu kkontestati skond l-Artikolu 230 KE. Għalhekk, fin-nuqqas ta' teħid ta' pożizzjoni definittiva, għada ma tnedietx il-fażi ta' eżekuzzjoni ta' l-irkupru.

62 Ir-rikorrent josserva li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni għandha tiġi miċħuda, għaliex l-att ikkontestat jikkostitwixxi att definittiv, deċiżjoni formali verà u proprja li toħloq effetti eżekuttivi skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 256 KE.

63 Din il-konklużjoni hija kkonfermata mill-kliem stess ta' l-att ikkontestat fejn huwa enfasizzat li "[f]in nuqqas ta' ħlas sad-data ta' l-iskadenza, il-Kummissjoni […] tirriżerva d-dritt li teżegwixxi kull garanzija finanzjarja pprovduta preċedentement u, jekk ikun il-każ, li tipproċedi għall-infurzar skond l-Artikolu 256 [KE]". Fil-fatt din evidentement hija theddida li, fin-nuqqas ta' ħlas, titnieda direttament il-proċedura ta' infurzar.

64 Ir-rikorrent jenfasizza li din il-konklużjoni hija kkonfermata wkoll mill-"inġunzjoni" mibgħuta lilu permezz ta' l-ittra rreġistrata bl-avviż tal-wasla, ta' l-4 ta' Awwissu 2004, meta dan ir-rikors kien diġà tressaq, permezz ta' liema l-Kummissjoni reġgħet ordnatlu jħallas is-somma ta' 959 543 835 Franki tal-Guinea, filwaqt li speċifikat li, fin-nuqqas ta' dan, hija kienet sejra "tniedi, permezz tal-mezzi kollha legali xierqa, il-proċedura ta' infurzar kontra [tiegħu] kemm fir-rigward tal-kapital kif ukoll ta' l-interessi".

65 Ir-rikorrent isostni li l-kliem użat fl-att ikkontestat ma jagħti lok għal ebda konfużjoni, għaliex fl-opinjoni tiegħu, dan jirreferi għat-tnedija ta' miżuri ta' infurzar mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġu adottati atti oħra li jistgħu, eventwalment, jitqiesu bħala finali. Konsegwentement, din id-deċiżjoni tipproduċi effetti legali vinkolanti.

66 Ir-rikorrent iqis li l-Kummissjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn "saħħa eżekuttiva" ta' att u att ta' "infurzar". Għalhekk, il-kliem "Fin-nuqqas ta' informazzjoni min-naħa tiegħek, il-Kummissjoni sejra tniedi, permezz tal-mezzi kollha legali xierqa, il-proċedura ta' infurzar kontra tiegħek kemm fir-rigward tal-kapital kif ukoll ta' l-interessi", użat fl-ittra ta' l-4 ta' Awwissu 2004, mhuwiex ekwivalenti għal notifika ta' att futur li għandu karattru ta' deċiżjoni, u li għalhekk għandu saħħa eżekuttiva, kif tallega l-Kummissjoni, iżda pjuttost huwa intimazzjoni għall-ħlas, ħaġa li tippresupponi li deċiżjoni finali diġà ttieħdet kemm fuq l-eżistenza tad-dejn kif ukoll fuq l-ammont tiegħu.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

67 Qabel kollox, sabiex tiġi evalwata l-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors, għandu jiġi mfakkar li skond ġurisprudenza stabbilita, huma biss il-miżuri li jipproduċu effetti legali vinkolanti u li jistgħu jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent billi jbiddlu b'mod kunsiderevoli l-pożizzjoni legali tiegħu li jikkostitwixxu atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament skond l-Artikolu 230 KE (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni, 60/81, Ġabra p. 2639, punt 9, u d-Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-4 ta' Ottubru 1991, Bosman vs Il-Kummissjoni, C-117/91, Ġabra p. I-4837, punt 13; sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Jannar 2003, Philip Morris International vs Il-Kummissjoni, T-377/00, T-379/00, T-380/00, T-260/01 u T-272/01, Ġabra p. II-1, punt 81).

68 Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura tistax tkun is-suġġett ta' rikors għall-annullament għandha tittieħed in kunsiderazzjoni s-sustanza tal-miżura li tagħha jintalab l-annullament, filwaqt li l-forma li biha din ġiet adottata hija, bħala prinċipju, irrilevanti f'dan ir-rigward (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja IBM vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 9, u tat-28 ta' Novembru 1991, Il-Lussemburgu vs Il-Parlament, C-213/88 u C-39/89, Ġabra p. I-5643, punt 15; ara wkoll, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-24 ta' Marzu 1994, Air France vs Il-Kummissjoni, T-3/93, Ġabra p. II-121, punti 43 u 57).

69 Minn din l-istess ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, bħala prinċipju, fil-każ ta' atti jew deċiżjonijiet li l-adozzjoni tagħhom tinvolvi proċedura komposta minn diversi fażijiet, b'mod partikolari wara proċedura interna, huma biss, bħala regola, dawk il-miżuri li jistabbilixxu definittivament il-pożizzjoni tal-Kummissjoni wara din il-proċedura, bl-esklużjoni tal-miżuri intermedjarji li l-għan tagħhom huwa li jippreparaw id-deċiżjoni finali, li jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġu kkontestati (sentenza IBM vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 10, u s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-7 ta' Marzu 2002, Satellimages TV5 vs Il-Kummissjoni T-95/99, Ġabra p. II-1425, punt 32).

70 Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk mill-att ikkontestat jirriżultax li l-Kummissjoni, f'dan l-att, stabbilixxietx definittivament il-pożizzjoni tagħha fil-konfront tar-rikorrent.

71 Huwa minnu li l-att ikkontestat huwa mfassal b'mod li jista' jagħti l-impressjoni li huwa att definittiv peress li b'mod partikolari jindika li "[f]in nuqqas ta' ħlas saddata ta' l-iskadenza, il-Kummissjoni [...] tirriżerva d-dritt li teżegwixxi kull garanzija finanzjarja pprovduta preċedentement u, jekk ikun il-każ, li tipproċedi għall-infurzar skond l-Artikolu 256 [KE]". Bl-istess mod, il-kliem użat fiż-żewġ ittri ta' tfakkir tat-2 ta' Lulju u ta' l-4 ta' Awwissu 2004, mibgħuta wara l-preżentata ta' dan ir-rikors, huwa ta' natura tali li jsaħħaħ din l-impressjoni.

72 Barra minn hekk, waqt is-seduta l-Kummissjoni stess ammettiet, li sabiex iħeġġeġ lid-debitur iħallas is-somma dovuta l-mudell standard tan-noti ta' debitu, abbażi ta' liema ġie mfassal l-att ikkontestat, juża kliem li minnu ma tirriżultax b'mod espliċitu n-natura preparatorja ta' l-att.

73 Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza tosserva li l-Kummissjoni ma użatx kliem ċar u mhux ekwivoku fit-tfassil ta' l-att ikkontestat.

74 Madankollu, minkejja l-fatt li l-att ikkontestat jindika data ta' skadenza u l-kundizzjonijiet tal-ħlas, il-Kummissjoni ma tiħux pożizzjoni dwar il-mezzi li hija għandha l-intenzjoni li timplementa sabiex tirkupra s-somma in kwistjoni.

75 B'mod konformi ma' l-obbligu li hija għandha skond l-Artikoli 42 sa 47 tar-Regolament tad-disa' FEŻ, il-Kummissjoni fasslet nota ta' debitu li, fil-każ fejn din ma tiġix

irrispettata mid-debitur, tippermetti li l-Kummissjoni, skond ir-Regolament tad-disa' FEŻ, jew tirrinunzja għall-irkupru tal-kreditu (l-Artikolu 47), jew li tipproċedi għal kumpens (l-Artikolu 46(2)), jew inkella li tirrikorri għall-infurzar (l-Artikolu 46(2)), fejn din l-aħħar għażla tista' ssir permezz ta' digriet ta' eżekuzzjoni skond l-Artikolu 256 KE (l-Artikolu 44(2)) jew permezz ta' titolu eżekuttiv miksub permezz ta' proċedura kontenzjuża (l-Artikolu 46(2)).

76 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li nota ta' debitu hija informazzjoni li tingħata lid-debitur. Ladarba l-Artikolu 44 u l-Artikolu 46(2) tar-Regolament tad-disa' FEŻ isemmu digriet eżekuttiv distint u li jiġi wara n-nota ta' debitu fil-kuntest tal-proċedura ta' rkupru, jirriżulta b'mod ċar li din mhijiex ta' natura eżekuttiva. Din hija att preparatorju li jipprepċedi l-eventwali adozzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' deċiżjoni li titkompla l-proċedura għall-irkupru permezz ta' proċedura kontenzjuża jew bl-adozzjoni ta' deċiżjoni abbażi ta' l-Artikolu 256 KE. L-att ikkontestat għandu jiġi kkwalifikat bħala nota ta' debitu skond l-Artikolu 45 tar-Regolament tad-disa' FEŻ, peress li dan jindika li "[i]l-Kummissjoni […] tirriżerva d-dritt li, wara li tagħti informazzjoni bil-quddiem, u fil-każ li jkun hemm krediti reċiproċi li jkunu ċerti, likwidi u dovuti, tipproċedi għat-tpaċċija". Konsegwentement, l-att ikkontestat ma jikkostitwixxix miżura li tistabbilixxi b'mod definittiv il-pożizzjoni tal-Kummissjoni, u lanqas ma jipproduċi effetti legali vinkolanti li jistgħu jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent u, għaldaqstant, ma jistax ikun is-suġġett ta' rikors għal annullament skond l-Artikolu 230 KE.

77 Għaldaqstant, dan ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

78 Skond l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew aktar tat-talbiet tagħhom, jew għal raġunijiet eċċezzjonali, il-Qorti tal-Prim'Istanza tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

79 F'dan il-każ, għalkemm ir-rikorrent tilef it-talbiet tiegħu, peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza qieset li f'kull każ, il-Kummissjoni ma kinitx użat kliem ċara u mhux ekwivoka fit-tfassil ta' l-att ikkontestat, hija tqis li jkun hemm evalwazzjoni tajba taċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ jekk jiġi deċiż li r-rikorrent għandu jbati tliet partijiet minn ħamsa ta' l-ispejjeż tiegħu u tliet partijiet minn ħamsa ta' l-ispejjeż tal-Kummissjoni. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tbati żewġ partijiet minn ħamsa ta' l-ispejjeż tagħha u żewġ partijiet minn ħamsa ta' l-ispejjeż tar-rikorrent.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi**:**

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) Iċ-Centro di educazione sanitaria e tecnologie appropriate sanitarie (Cestas) għandu jbati tliet partijiet minn ħamsa ta' l-ispejjeż tiegħu. Huwa għandu jbati wkoll tliet partijiet minn ħamsa ta' l-ispejjeż tal-Kummissjoni.

3) Il-Kummissjoni għandha tbati żewġ partijiet minn ħamsa ta' l-ispejjeż tagħha. Hija għandha tbati wkoll żewġ partijiet minn ħamsa ta' l-ispejjeż ta' Cestas.

Vadapalas Moavero Milanesi Wahl

Mogħtija fil-Qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-17 ta' April 2008.

E. Coulon V. Vadapalas

Reġistratur Aġent President